# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-8 ta' Gunju, 2017**

**Fl-atti tal-Mandat t'Inibizzjoni**
**Numru 688/17 fl-ismijiet:**

**JIN Limited**
**(C 45048)**

**vs.**

**Bernardette Cilia**
**(K.I. 186380M)**

Il-Qorti,

1. Regghet rat ir-rikors guramentat promotur datat il-5 ta' Mejju, 2017;

2.0. Regghet rat id-digriet preliminari taghha li wkoll igib l-istess data indikata fil-paragrafu precedenti, (ara foll 1 u 7), li permezz tieghu, wara li ddikjarat li rat l-imsemmi rikors guramentat promotur:

2.1. Akkoljiet provizorjament it-talbiet kontenuti fl-istess rikors promotur;

2.2. Ordnat in-notifika tal-istess lill-kontro-parti ghar-risposta;

2.3. Appuntat l-istess ghas-smigh ghall-udjenza fil-gurnata u hin hemm indikati;

3. Rat ir-risposta tal-intimata datata t-8 ta' Mejju, 2017, (ara foll 32);

4. Regghet rat id-digriet ulterjuri taghha datat iz-17 ta' Mejju, 2017, li permezz tieghu irrikjamat l-istess rikors ghas-smigh ghad-data u hin hemm indikat, (ara foll 1 u 35);

5. Rat ukoll ir-rikors sussegwenti tas-socjeta` rikorrenti datat l-24 ta' Mejju, 2017, (ara foll 38), flimkien mad-digriet taghha fir-rigward datat il-25 ta' Mejju, 2017, (ara foll 38 u 42);

6. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datat is-6 ta' Gunju, 2017, li permezz tieghu infurmaw lill-qorti illi l-kontendenti lahqu ftehim fir-rigward tal-ewwel zewg (2) talbiet kontenuti fir-rikors promotur, (ara foll 2);

Ikkunsidrat:

7. Illi in vista tal-paragrafu precedenti din il-procedura hi issa limitata ghat-tielet talba kontenuta fl-istess rikors promotur, (ara foll 1);

Ikkunsidrat:

8. Illi essenzjalment permezz ta' din it-tielet (3) talba, s-socjeta` rikorrenti qed titlob li l-intimata tiddesisti milli personalment jew tramite terzi, tiggestixxi negozju in kompetizzjoni mal-marka

*“The Convenience Shop”*, u dan, skont ftehim appozitu datat l-1 ta’ Dicembru, 2015, (ara foll 8);

9. Rat id-dokumenti annessi;

10. Semghet lill-abbli rapprezentant legali fir-rigward;

Ikkunsidrat:

11.0. Illi in vista tal-verbal datat is-6 ta’ Gunju, 2017, fuq riferit, *stante* l-ftehim milhuq fir-rigward, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess zewg (2) talbiet hemm indikati, *stante* li l-partijiet:

11.1. Agixxew fir-rigward; u

11.2. L-intimata intrabtet biex ma tuzax aktar il-marka in kwistjoni;

Ikkunsidrat:

12. Illi konsegwentement jibqa’ x’jigi indirizzat biss it-tielet (3) talba in dizamina rigward il-possibbli kompetizzjoni tal-intimata fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti u tal-marka kummercjali in dizamina;

Ikkunsidrat:

13. Illi l-kwistjoni fir-rigward hi rizolta mill-ftehim pattwit bejn il-kontendenti datat l-1 ta’ Dicembru, 2015, (ara foll 10);

14. Illi fil-klawsola 4.4(a) tal-istess, (ara foll 15), il-kontendenti ftehmu s-segwenti:

> “The Franchisee convenants that it will not, for a period of two years after the expiration or termination of this Agreement, regardless of the cause of termination, either directly or indirectly, for itself, or through, on behalf of, or in conjunction with any person or entity, own, manage, operate, maintain, engage in, consult with or have any interest in and grocery or

confectionary shop at the Premises or within the Territory of the Trademark shop subject of this Agreement";

15. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li l-*franchisee* – senjatament, l-intimata – essenzjalment liberament intrabtet li ma tezercitax xoghol u/jew kummerc in kompetizzjoni mal-*Convenience Shop* in dizamina ghall-perjodu ta' sentejn (2) wara li b'xi mod jispicca l-ftehim bejn il-partijiet;

16. Illi jirrizulta assodat li r-relazzjoni bejn il-partijiet in dizamina spiccat irrimedjabilment;

17. Illi ghalhekk, tiskatta l-klawsola numru 4.4(a) fuq riferita, (ara paragrafu numru erbatax (14) aktar qabel u foll 15);

18.0. Illi ghalhekk, a bazi tal-istess, il-fatt li l-partijiet waslu fi ftehim fuq l-ewwel zewg (2) talbiet tas-socjeta` rikorrenti izda mhux fit-tielet (3), hu ekwivalenti ghal theddida serja ghad-drittijiet tal-istess socjeta` rikorrenti fih innifsu, dan jissodisfa r-rekwizit li dawn id-drittijiet tas-socjeta` rikorrenti jirrizultaw li huma mhedda *in prima facie* u ghalhekk ir-rekwiziti rikjesti mill-artiklu 873 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jirrizultaw sodisfatti *stante* li s-socjeta` rikorrenti sodisfacentement uriet li:

  18.1. Il-mandat rikjest mis-socjeta` rikorrenti hu *prima facie* necessarju biex tittutela d-drittijiet minnha vantati;

  18.2. Ghandha l-istess drittijiet fil-livell ta' *prima facie*;

Ikkunsidrat:

19. Illi in vista tal-premess ghandu jkun pacifiku li l-preokkupazzjoni tas-socjeta` rikorrenti li l-intimata, bi ksur tal-artiklu 4.4(a) tal-ftehim *de quo*, tibqa' tikkompeti fil-qasam kummercjali partikolari pattwit, hi wahda reali, possibli u attwali;

20.0. Illi konsegwentement, hi l-fehma ta' din il-qorti li s-socjeta` rikorrenti pprovat it-tielet (3) talba taghha skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

20.1. Takkolji t-tielet (3) t-talba tas-socjeta` rikorrenti;

20.2. Tirrespingi r-risposti tal-intimata fir-rigward;

20.3. Tirribadixxi li in vista tal-ftehim fir-rigward bejn il-partijiet qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-ewwel zewg (2) talbiet tas-socjeta` rikorrenti;

20.4. Tiddikjara wkoll li in vista tal-istess ftehim qed tastjeni wkoll milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors tas-socjeta` rikorrenti datat l-24 ta' Mejju, 2017, (ara foll 38);

20.5. Tvarja *contrario imperio* d-digriet provizorju precedenti taghha datat il-5 ta' Mejju, 2017, b'mod li issa l-mandat guramentat promotur jinhareg b'mod permanenti limitatament fil-konfront tat-tielet (3) talba tal-istess socjeta` rikorrenti;

20.6. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-intmata.

---

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**